MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2003

Appell Kriminali Numru. 110/2003

Il-Pulizija
(Spettur C. Galea Scanura)

Vs

George Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-2 t'April, 2003 ghall-habta tas-13.30 hrs, gewwa Mdina Road, Qormi :
1) kiser il-mistrieh u l-paci pubblika b'ghajjat u glied jew xort'ohra;
2) qal kliem oxxen fil-pubbliku;
3) hebb ghal Anna Spiteri minn haz-Zebbug sabiex jingurja, iddejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna;
4) u aktar talli ingurja jew hedded lill-istesss Anna Spiteri bil-kliem.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Mejju, 2003, li biha wara li rat l-artikoli 338 (dd) u 339 (e) tal-Kap. 9, art. 383 tal-Kap. 9 sabet lill-imputat hati tal-ewwel zewg akkuzi w qeghditu taht garanzija ta' LM100 ghal sena bl-obbligazzjoni li ma jkellimx u ma jimmolestax lill-kwerelanti w l-familja taghha.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta' Gunju, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tibdel u tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha sa fejn tirrigwarda s-sejba ta' htija tal-ewwel zewg akkuzi w l-liberazzjoni mit-tielet u r-raba' akkuzi, thassarha safejn jirrigwards l-imposizzjoni tal-garanzija ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti w cioe' li fil-waqt li l-Ewwel Qorti sabitu hati biss tal-ewwel zewg imputazzjonijiet u cioe' dawk li kiser il-mistieh u l-paci pubblika b'ghajjat u glied jew xort' ohra u li qal kliem oxen fil-pubbliku w ma sabitux hati tat-tielet u r-raba' imputazzjoni li hebb ghal Anna Spiteri  w talli hedded u ingurja lill-istess Spitedri, xorta wahda rabtitu b'garanzija li ma jkellimx u ma jimmolestax lill-kwerelanti u l-familja taghha in virtu tal-artikolu 383 tal-Kap. 9.

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-prosekutur ;

Iddispensat mis-smiegh mill-gdid tax-xiehda stante li l-appell u limitat biss ghall-piena u partikolarment ghall-kwistjoni tal-impozizzjoni tal-garanzija ;

Ikkonsidrat ;

Illi ghalkemm l-appellant hu korrett meta jghid li l-ewwel Qorti sabet biss htija tal-ksur tal-paci pubblika bl-ghajjat , glied jew xort' ohra w ta'  kliem oxxen fil-pubbliku w hu ma nstabx hati tal-akkuzi ta' hebb, ingurji u theddid kontra Anna Spiteri, jidher  pero' li hu njora ghal kollox dik il-parti tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata li tghid

testwalment "Billi jirrizulta illi l-imputat …… qal kliem oxxen fil-konfront tal-klwerelanti " . Ghalhekk proprjament meta l-Ewwel Qorti sabet htija ghall-kliem oxxen , dan il-kliem kien dirett u indirizzat fil-konfront ta' Anna Spiteri u mhux kliem li intqal "in arja" bla ebda riferenza ghal xi persuna li setghet hasset ruha leza w offiza bih .

Illi l-artikolu 383 tal-Kap.9 jiddisponi li l-Qorti tista' , meta jidhrilha xieraq , biex tipprovdi ghas-sikurta' tal- persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-buon ordni pubbliku , flimkien mall-piena jew minnflok il-piena applikabbli ghar-reat , torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti .

Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha s-setgha kollha li tipprovdi ghall-impozizzjoni tal-"garanzija" jekk hasset li dan kien l-ahjar mod biex tipprovdi ghas-sigurezza ta' Anna Spiteri li kienet l-oggett tal-kliem oxxen li tieghu l-appellant instab hati.

Ghalhekk l-appell jidher li hu manifestament infondat.

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------